MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 546/1997/1

Carmelo Grech
vs
Direttur tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Lulju 1990 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti fil-qosor huma li f'April 1990 kienu hargu call for applications ghall-grad ta' Leading Gardener. Ir-rikorrent applika u baghtu ghalih ghall-interview f'Lulju 1990. Meta hargu r-rizultati isem ir-rikorrent ma deher imkien;

Illi r-rikorrent staqsa lill-imghallem tieghu biex jara jekk kienx ghadda u dan minn naha tieghu staqsa lid-dipartiment ghaliex isem ir-rikorrent ma kienx fil-lista tar-

rizultati. Huma qalulu li ma kienux jafu li ghamel l-ezami. Ghaldaqstant gie mtellef il-promozzjoni.

Illi l-promozzjonijiet kienu nghataw lis-Sur Gwido Grech minn B'Kara u lis-Sur Ninu Schembri miz-Zurrieq. Dan ta' l-ewwel kien labourer u l-ahhar wiehed kien gie minn post iehor qabel ma gie promoss.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilmenti tieghu lix-xhieda indikati fir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjonijiet ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni li gie mtellef jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni li eccepixxa:

1. Illi, preliminarjament, la r-rikors kien dwar bord tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, din kellha tigi kjamata fil-kawza sakemm dan kien permess mill-Att VIII ta' l-1997.
2. Il-procedura kollha ezegwita dwar is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal kariga msemmija hija din:
i. Fl-10 ta' April 1990 harget is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal post ta' Leading Gardener fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. (ara dok A mehmuz mar-risposta).
ii. Il-Bord ta' l-Ghazla kien maghmul mis-Sur Carmel Serracino Inglott Agricultural Officer III, Chairman; is-Sur Fredrick Grech, Ufficjal Ezekuttiv, Membru u s-Sur Espedito Grech, Ufficjal Ezekuttiv Rappresentant ta' l-Establishments (ara dok B1,B2 u B3 mehmuzin).
iii. Illi r-rikorrent ma ghaddiex mill-interview u skond il-prattika tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku ismu ma deherx fir-rizultat finali, izda kien hemm in-numru ta' l-ID

703650(M). (ara dok C1, C2, u C3 mehmuzin mar-risposta).

iv. Fil-30 ta' Ottubru 1990 fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku gie approvat li l-ewwel tlieta fl-ordni ta' mertu gew mahtura fil-grad ta' Leading Gardeners fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, b'sehh mill hamsa u ghoxrin ta' Ottubru 1990. (ara dok D mehmuz mar-risposta).

v. Fit-tnejn u ghoxrin ta' Ottubru 1991, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni ghamel talba lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku biex jimtela post fil-grad ta' Leading Gardener f'Ghawdex skond l-ordni ta' mertu fir-rizultat finali.(ara dok E mehmuz mar-risposta).

vi. Fit-tmienja u ghoxrin ta' Novembru, b'sehh mill-hamsa u ghoxrin ta' Novembru 1991, l-Agent Prim Ministru approva, fuq rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-hatra ta' s-Sur Francis Spiteri bhala Leading Gardener. (ara dok F mehmuz mar-risposta).

Ghaldaqstant it-Tribunal ghandu jirrespingi t-talbiet tar-rikorrent vis-a-vis l-intimat li bl-ebda mod ma huwa responsabbli f'dan il-kaz.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

<u>Ir-rikorrent</u> ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Hu qal li ilu jahdem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni ghal tmienja u ghoxrin sena u kien dahal bhala labourer u wara ghaxar snin, kien sar gardinar. Qal li wara l-elezzjoni tal-1987, kien ghadu stazzjonat fl-iskola ta' B'Kara bhala gardinar. Semma li meta rtira Paul Farrugia li kien Administrative Officer, fl-1988, minflok ma mtela l-post tieghu, gie mahluq grad ta' Acting Assistant

Foreman, u kienu tpoggew jahdmu f'dan il-grad Angelo Bonnici [li kien gardinar] u Guido Grech [li kien ghadu labourer]. Semma li Guido Grech, minghajr ma kien gardinar, tlahhaq Acting Assistant Foreman. Hu hass li saret ingustizzja mieghu peress li nqabez minn dan Guido Grech li lanqas kien jaf jikteb u lanqas kien jifhem fis-sengha, u anqas ix-xhur tas-sena, u x'ghandu jhawwel fiz-zmenijiet.

Xehed Ninu Grech li fl-1987 kien Agricultural Officer I, li qal kien stazzjonat l-iskola ta' B'Kara, u li r-rikorrent kien jigi tahtu. Qal li r-rikorrent kien jaghmel xoghlu tajjeb u kien anke jiehu inizjattiva fuq ix-xoghol. Qal ukoll li jiftakar lil Guido Grech li kellu l-grad ta' Labourer. Semma li fl-1987, kien Agricultural Officer I flimkien ma Pawlu Farrugia, meta kien ha trasferiment, u sar jaf li Guido Grech kien ha promozzjoni ghal Leading Gardener. Spjega li Guido Grech lahaq Leading Gardener minn Labourer, meta suppost il-gradi kienu wara xulxin, jigifieri l-ewwel tkun Labourer, wara ssir Assistant Gardener, u wara ssir Agricultural Officer I. Hu kkonferma li meta Guido Grech ha l-promozzjoni ghal Leading Gardener, kellu grad inferjuri ghar-rikorrent u li Grech ma jafx jikteb.

Xehed Carmel Serracino Inglott Principal tal-Agricultural College li qal ir-rikorrent u xi gardiniera ohra kienu jaqghu taht is-sezzjoni tieghu. Qal li l-inqas grad kien Labourer, imbaghad Skilled Labourer, Leading Gardener u wara Agricultural Officer I. Semma li l-grad ta' Assistant Foreman kien qisu l-grad ta' Leading Gardener. Qal li jiftakar li Guido Grech kien sar Leading Gardener.

Xehed Mario Cacciatolo, rapprezentant tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, li esebixxa dok a fol 66 li hi s-sejha ghall-applikazzjoni ghal Leading Gardener 41/90. Ipprezenta l-applikazzjoni ta' Guido Grech a fol 67. Esebixxa l-approvazzjoni tal-P.S.C. ghall-kriterji tal-Bord tal-Ghazla a fol 72, kif ukoll ir-rapport preliminari tal-Bord a fol 73, u fl-ahharnett, ir-rapport tal-Bord tal-Ghazla, bin-noti dwar il-kandidati u r-rizultati minn fol 74 sa 77. Hu esebixxa ukoll is-service record sheets ta' Anthony Schembri, Guido Grech u Angelo Bonnici, li huma t-tlieta li kienu ntghazlu

f'din l-okkazzjoni, flimkien ma' l-ittra tal-hatra ta' Guido Grech a fol 83.

Spjega li meta Guido Grech kien imnizzel fir-rekord tieghu bhala Labourer A, kien ifisser li kellu ghall-anqas bidu tas-sengha tal-agrikoltura, u kien jaghmel anke dak ix-xoghol. Ikkonferma li fejn hemm imnizzlin il-marki li nghataw il-kandidati, ghall-kriterju tal-esperjenza Guido Grech inghata 35 marki u kien fil-grad ta' labourer, u r-rikorrent nghata 22 marka u kien fil-grad ta' gardinar. Fir-rigward ta' Anthony Schembri u Angelo Grech, qal li t-tnejn kellhom il-grad ta' Gardener B. Fost il-lista ta' applikanti sab li Emanuel Bugeja kien ilu fil-grad ta' gardener mill-1981 u Frank Spiteri kien fil-grad ta' gardener ukoll. Izda, hu kkonferma li, ma kienx hemm ohrajn, hlief Guido Grech li nghataw il-promozzjoni.

Ikkonferma li Guido Grech kien Labourer A, Agriculture, kien ifisser li kellu ghall-anqas bidu tas-sengha tal-agrikoltura u kien jaghmel dak ix-xoghol. Semma li l-marki allokati gew moghtija mill-membri tal-Bord. It-tnejn l-ohra li nghataw il-grad ghal Leading Gardener barra Guido Grech li kien labourer A, kienu Gardener B.

**KONKLUZJONIJIET:**
L-ewwel eccezzjoni tal-intimat hi li la r-rikors kien dwar bord tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, din kellha tigi kjamata fil-kawza sakemm dan kien permess mill-Att VIII ta' l-1997. Jinghad li dwar kjamat in kawza trid ssir talba ta' xi wahda mill-partijiet u din ma saritx. Ghal kull buon fini dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza deciza minnu fl-ismijiet “John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha” deciza fis-7 ta' Mejju, 1998. Ghall-istess ragunijiet jichad din l-eccezzjoni.

Dwar it-tieni eccezzjoni jinghad li l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq li hu ma lahaqx Leading Gardener ossia Assistant Foremen li skond xi ufficjali tal-Agrikoltura kienu l-istess grad. Hu jsostni li kien ilu snin jahdem mal-Gvern [xi l-1971] u ghal zmien twil [xi l-1980] jahdem ta' gardinar. Qabzu Guido Grech li kien biss labourer A.

Dan it-Tribunal dejjem sostna dak li qal fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 fejn intqal:
"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Issa dawn il-kwalitajiet posittivi specjali fi Guido Grech b'ebda mod ma gew imsemmija mill-intimat. Minn naha l-ohra r-rikorrent gie deskritt bhala haddiem tajjeb u dedikat mill-ufficjali tad-dipartiment tal-Agrikoltura. Ghalhekk meta wiehed ihares lejn ir-rizultat esibit a fol 76 tal-process minn fejn jirrizulta li ghal experience ir-rikorrent gie moghti 22 minn 40 meta kien ilu dawk is-snin jahdem ta' gardinar waqt li Guido Grech li kien jahdem ta' labourer inghata 35 bil-fors li l-Bord ha xi zball. Grech inghata 10 minn 15 ta' qualifications. Ma ssemma xejn xi qualifications kellu u ghalhekk zgur li l-Bord rega' ha zball hawn ukoll. Ghal dawn il-motivi jichad ukoll din it-tieni eccezzjoni.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Leading Gardener b'effett mill-istess data li fiha hadu din il-kariga Grech, Bonnici, u Schembri [1990] u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------